# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(Aġent President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 8 ta' Ottubru, 2020.**

**Numru 12**

**Rikors numru 383/13 MCH**

**L-Avukat Nicholas Valenzia bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta` estera Jovanmar Agencies Limited ta' Limassol, Ċipru**

**v.**

**Il-Bastiment Archon G**

Preliminari:

1. Din is-sentenza tittratta appell tal-attur nomine mis-sentenza tas-17 ta' Novembru 2014 tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha safejn laqgħet it-talbiet attriċi, tħassarha safejn laqgħet it-talbiet limitatament għas-somma ta' USD $51,617.62 u minflok tilqa' t-

talbiet attriċi fis-somma ridotta ta' USD $145,427.38 jew somma oħra verjuri. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-bastiment appellat.

2. L-attur nomine fir-rikors ġuramentat tas-17 ta' April 2013 talab lill-qorti sabiex:

(i) tiddikjara lill-bastiment konvenut debitur tal-kumpanija Jovanmar Agencies Ltd fis-somma ta' USD $186,085, in kwantu:

- USD $74,079 jirrappreżentaw bilanċ li għadu jrid jitħallas lura minn somma msellfa versu x-xiri tal-bastiment;

- USD $81,821.89 jirrappreżentaw bunker supplies magħmula minn Island Oil Ltd u li għalihom hija responsabbli Jovanmar Agencies Ltd; u

- USD $30,184.94 jirrappreżentaw prezz ta' servizzi ta' aġenzija marittima u provvizjonijiet oħra prestati lil u spejjeż inkorsi fir-rigward tal-bastiment.

(ii) tikkundanna lill-bastment iħallasha s-somma ta' USD $186,085 jew somma oħra verjuri;

Bl-ispejjeż ġudizzjarji, inkluż dawk tal-mandat ta' arrest kawtelatorju ppreżentat nhar it-28 ta' Marzu 2013 (486/13/JRM) u bl-imħaxijiet legali bl-ogħla rata applikabbli ai termini tal-Kap 13, mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, kontra l-bastiment konvenut illi huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

3. Il-bastiment konvenut fir-risposta ġuramentata tas-27 ta' Mejju 2013 wieġeb li saru diversi ħlasijiet lis-soċjeta` attriċi li mhijiex tikkonsidra. Għalhekk eċċepixxa:-

(i) Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda minn din il-Qorti bl-ispejjeż kontra s-soċjeta` attriċi;

(ii) Illi fi kwalunkwe każ l-ammont mitlub mis-soċjeta` attriċi huwa esaġerat stante li ma ġewx imnaqqsa mis-soċjeta` attriċi l-ammonti kollha li hija ġia irċeviet, u li għalhekk l-ammont mitlub li jista' jkun dovut lis-soċjeta` attriċi huwa ferm inqas minn dak mitlub minnha.

Bl-ispejjeż kontra l-istess attur nomine li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

4. L-ewwel Qorti fis-sentenza tas-17 ta' Novembru 2014 laqgħet it-talbiet attriċi limitatament fl-ammont ta' USD $51,617.62. Għal

intendiment aħjar ta' dan l-appell, il-konsiderazzjonijiet u d-deċiżjoni tagħha qegħdin jiġu riprodotti fl-intier tagħhom:-

***"Konsiderazzjonijiet***

*"Jekk wiehed jaghsar il-kwistjoni fit-termini semplici taghha jasal ghal konkluzjoni illi din hi kwistjoni ta' provi fattwali dwar krediti, hlasijiet u bilanci li jistghu jkunu dovuti. Fil-fatt ma hemm ebda eccezzjoni mill-vapur konvenut ghajr wahda ta' bilanci dovuti.*

*"La darba din hi l-kwistjoni li trid tigi indagata, bhala principju regolatur, jinkombi fuq l-attur li jipprova fuq bilanc ta' probabilta l-kaz tieghu u li t-talbiet tieghu joholqu konvincement morali fil-Qorti li ghandhom jigu milqugha.*

*"Is-socjeta attrici elenkat il-krediti dovuti lilha fid-dokument NV3 a fol. 9 tal-process. Dawn ilkrediti jridu jigu kunsidrati wahda wahda tenut kont tal-provi migjuba u kontestazzjoni a rigward.*

*"L-ewwel partita tirrigwarda arretrati ta' USD49,436.46. Dwar dan l-ammont ma saret ebda prova mis-socjeta attrici mnejn tirrizulta. Tenut kont illi hemm cahda mill-vapur ta'dan ilkreditu konsistenti f'arretrati, jinkombi fuq is-socjeta attrici li ggib prova cara u sufficjentament konvincenti li tali ammont hu fil-fatt dovut minn bilanc ta' arretrati. Is-socjeta attrici naqset li ggib kwalsiasi prova a rigward, u ghalhekk din il-Qorti ma tqis li tista' takkolji din it-talba. Mhux bizzejjed ghas-socjeta attrici illi fin-nota ta' osservazzjonijet tirreferi ghad-dokument NV2 bhala prova billi dan id-dokument a fol. 8 tal-process ma jaghtix spjegazzjoni talammont riklamat bhala arretrati dovuti lanqas il-fatturi pprezentati mad-dokument NV3 ma jirrifletti dan l-ammont u l-istess socjeta attrici ma taghtix spjegazzjoni kif u minn fejn jirrizulta dovut.*

*"It-tieni partita tirrigwarda s-self u hu dovut bilanc ta' USD106,079. Jidher li kien pacifiku li nghata self tramite l-agent lil vapur Royal Melody SA (Dok. NV1 a fol. 7 tal-process). Ghalkemm jinghad mix-xiehda prodotti mill-vapur illi l-ammont tas-self kien ta' USD70,000 jidher mid-dokument NV1 mhux kontestat mill-istess vapur illi l-ammont kien ta' USD116,000. Is-socjeta attrici tghid li l-bilanc tas-self hu ta' USD106,079 fl-istess document pero` fix-xiehda ta' Athanasios Giovanni a fol. 249 tal-process ighid li l-bilanc hu ta' USD74,079. Ix-xiehda ghall-vapur ighidu li saru hlasijiet ammontanti ghal USD15,242.15. pero` ma ngiebet ebda prova tangibbli mill-vapur ta' dan il-hlas u billi s-self mhux kontestat u jirrizulta mix-xiehda ta' Athanasios Giovanni li l-bilanc tas-self jammonta ghal USD74,079, dan l-ammont jirrizulta dovut lis-socjeta attrici.*

*"In kwantu ghal invoices mibghuta lis-socjeta attrici ghal bunkers dovuti lis-socjeta Island Oil, jidher mill-invoices illi l-ammont ta' USD81,821.89*

*hu fil-fatt dovut. Anki x-xhud Voulgaris jaqbel li l-ammont hu dovut pero` jsostni li ghandu jigi pacut ma' ammonti dovuti lil vapur skond pretensjonijiet dedotti fil-Qorti Griega. Ma saret ebda prova dwar dawn il-pretensjonijiet u hi l-fehma tal-Qorti illi semplici allegazzjoni ta' tpacija ma twassalx ghal tnaqqis ta' kreditu li jidher dovut, bla prova cara dwar il-kreditu dovut lil vapur, u mhux semplicement allegazzjoni ta' kreditu sub iudice f'Qorti f'gurisdizzjoni ohra. Ghalhekk l-ammont ta' USD81,821.85 hu dovut lis-socjeta attrici.*

*"Il-bqija tal-partiti jirrigwardaw spejjez maghmula mis-socjeta attrici cioe:*

*"1. Passing Corinth canal 13/3/13 USD2,369.24*
*"2. Swift for Wilckens USD12,266.61*
*"3. Cash to master Mr. Nikolaos 1/11/11 USD390*
*"4. Swift for bunkers 15/3/13 USD28,000*
*"5. Bank charges 15/3/13 USD192.25*
*"6. Dispatch 23/10/12 USD1,155.20*

*"Dawn il-krediti huma kontestati. Il-Qorti li fliet id-dokumenti in sostenn tat-talbiet attrici minn fol. 10 sa 26 ma sabet ebda konfort li, bl-eccezzjoni tal-invoices ta' Island Oil li gie kunsidrat aktar il-fuq, fost dawn id-dokumenti hemm xi wahda li tallacja mal-ammonti reklamati. Kif inghad l-ammonti qed jigu kontestati u x-xhud tas-socjeta attrici bl-ebda mod ma pprova li l-ammonti huma dovuti minn xi dokumentazzjoni li din il-Qorti tista' tqabbel mal-ammont reklamat. Hu definittivament mhux bizzejjed ghas-socjeta attrici li telenka biss l-oggett tat-talba pekunjarja izda trid turi kif din hi sostnuta bi provi li jwasslu lil Qorti biex tikkonvinci ruhha. Jinghad li l-ammonti pretizi kollha suppost ihallu paper trail facilment rintraccjabli missocjeta attrici. Il-fatt li s-socjeta attrici naqset li taghmel l-icken prova in sostenn tal-talba ma jhalli ebda ghazla lil Qorti hlief lli tichadha.*

*"Is-socjeta attrici naqset mill-ammont allegatament dovut is-somma ta' USD95,625 bhala hlas ta' freight maghmul ghal vjagg Dripani/Skikda, liema freight hu dovut lis-socjeta Royal Melody SA bhala agent tas-sidien tal-bastiment. Il-vapur konvenut jikkontesta li l-ammont li fil-fatt zammet f'idejha s-socjeta attrici kien ta' USD104,283.27. Dan jirrizulta mill-bank transfer a fol. 240 tal-process li ghalkemm bil-Grieg pero` s-sinifikat tieghu hu pjuttost car. Issocjeta attrici tonqos li tispjega din id-diskrepanza u jekk l-ammont li tnaqqas kienx jirrifletti lbilanc wara tnaqqis ta' spejjez, u fl-affermattiv, x'kienu dawn l-ispejjez. Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tistax ma tqis li l-ammont li kellu jitnaqqas hu l-ammont ricevut mis-socjeta attrici cioe USD104,283.27.*

***"Konkluzjoni***

*"Ghalhekk jirrizulta illi ghalkemm is-socjeta attrici ippruvat li ghandha ragun pero` l-ammont dovut ippruvat hu anqas minn dak mitlub u fl-istess waqt il-vapur konvenut naqas li jgib prova tangibbli dwar ammonti*

*dovuti lilu li ghandhom jitpacew mill-ammont dovut bleccezzjoni biss dwar l-ammont ta' freight imnaqqas rigward il-vjagg Drapano/Skikda. Ghalhekk hu dovut lis-socjeta attrici s-somma ta' USD74,079 + USD81,821.89 b'kollox USD155,900.89 li minnu jrid jitnaqqas l-ammont ta' USD104,283.27 kif fuq inghad li jgib ilbilanc dovut lis-socjeta attrici ghal USD51,517.62.*

*"**Decide***

*"Ghalhekk il-Qorti taqa' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici pero` limitatament ghal ammont ta' USD51,617.62 jew ekwivalenti f'euro fil-mument tal-hlas, bl-ispejjez jinqasmu zewg terzi ghas-socjeta attrici u terz ghal vapur konvenut u bl-imghax skond il-Kapitolu 13 li fic-cirkostanzi jibda jiddekorri mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat."*

**<u>Rikors tal-appell tal-attur nomine (09.12.2014):</u>**

5. L-attur nomine appella mis-sentenza tal-ewwel Qorti.

6. Qabel xejn jippreċiża illi huwa jaqbel li l-bilanċ ta' ammont misluf lis-sidien tal-bastiment hu ta' **USD $74,079** kif determinat mill-ewwel Qorti. Jgħid ukoll li jaqbel li *ai termini* tal-i*statement* Dok NV3, l-ammont imnaqqas bħala "*Freight Invoice Repano/ Skikda*" għandu jkun ta' **USD $104,283.27**, kif qieset l-ewwel Qorti, u mhux ta' USD $95,625 kif tniżżel fl-istess *statement*. Ikompli jgħid li dan ifisser li l-ammont totali li qed tinsisti fuqu s-soċjeta` attriċi f'dan l-istadju huwa ta' **USD $145,427.38** (u mhux USD $186,085.83, kif mitlub fir-rikors ġuramentat).

7. L-aggravju tiegħu bażikament jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti ikkonkludiet li parti mill-ammont mitlub fit-talbiet attriċi mhux dovut <u>għaliex</u>

ma nġibitx prova biżżejjed fir-rigward. Huwa ma jaqbilx dwar l-oneru tal-prova li l-ewwel Qorti tefgħet fuq is-soċjeta` attriċi u jsostni li ressaq provi li kellhom jikkonvinċuha fi grad ta' probabbilta` li t-talbiet attriċi għandhom mis-sewwa.

8. Jaċċenna għall-fatt li l-ammonti li l-ewwel Qorti irriteniet li ma kinitx tressqet prova dwarhom jikkonċernaw:

(i) arretrati ta' servizzi, fl-ammont ta' USD $49,436.46 u

(ii) servizzi oħra fl-ammont totali ta' USD $44,373.30 konsistenti fis-segwenti:-

*1. Passing Corinth canal 13/3/13 USD2,369.24*

*2. Swift for Wilckens USD12,266.61*

*3. Cash to master Mr. Nikolaos 1/11/11 USD390*

*4. Swift for bunkers 15/3/13 USD28,000*

*5. Bank charges 15/3/13 USD192.25*

*6. Dispatch 23/10/12 USD1,155.20*

9. Kwantu għall-ammont ta' USD $49,436.46 rappreżentanti arretrati ta' servizzi, jargumenta li *statement* li ġie kkomunikat diversi drabi lill-bastiment jikkostitwixxi prova aktar b'saħħitha mis-sempliċi ċaħda ta' Maria Dravila (azzjonista fis-soċjeta` Sariel Navigation Co) fl-affidavit

tagħha. Jgħid illi li kieku Dravila esebiet mal-affidavit tagħha xi korrispondenza li turi li l-bastiment konsistentement ikkontesta t-talba għall-ħlas, jew ġab raġunijiet għaliex m'għandux iħallas, kien ikollha raġun l-ewwel Qorti li titolb lill-attur nomine dokumentazzjoni u/jew provi oħra u/jew spjegazzjoni aktar dettaljata. Jenfasizza pero` illi l-bastiment qatt ma ċaħad li twettqu s-servizzi li għalihom intalab il-ħlas, jew ġab xi prova kuntrarja. Isostni li sempliċi "*ċaħda ġenerika*" da parti tal-bastiment mhix biżżejjed biex ixxejjen il-prova attriċi. Mingħajr preġudizzju għal dan kollu, jaċċenna għall-fatt li l-konvenut stess esebixxa *statement of account* (215-216) flimkien mad-dokumenti annessi mar-risposta ġuramentata tiegħu u għalhekk isostni li l-ammont ta' USD $49,436.46 għandu jirriżulta ppruvat.

10. Kwantu għall-ammont ta' USD <u>$44,373.30</u>, rappreżentanti s-servizzi l-oħra, hawnhekk ukoll jilmenta li ċ-ċaħda ta' xhud wieħed mingħajr provi oħra li jinnegawlu d-dritt li jirreklama u jesiġi tali pagament mhix raġuni valida għalfejn tali talba għandha tiġi skartata.

11. Huwa jsostni li l-ewwel Qorti (anke mingħajr id-dokumenti) kellha tilqa' t-talbiet attriċi, stante li l-bastiment konvenut ma għamel xejn ħlief ċaħad li għandu jagħti (ħlief għall-item "dispatch 23/10/12 USD $1,155.20" fejn fil-fatt il-bastiment stess ippreżenta prova – fol 242-243 - li s-soċjeta` attriċi ħallset tali ammont).

12. Madanakollu, kontestwalment mar-rikors tal-appell, l-attur nomine ppreżenta rikors fejn talab lil din il-Qorti tawtorizzah jesebixxi d-Dok NV3 annessi mal-istess rikors tad-9 ta' Diċembru 2014, u dan għaliex wara li ngħatat is-sentenza irriżultalha li l-faxxikolu tad-dokumenti NV3 li kien ġie anness mar-rikors promutur ma jirriflettix il-kopji li għandha fil-*file copy* tagħha. Issostni li jidher li dak li ġara kien li, bi żvista, ġie ppreżentata fir-reġistru tal-Qorti kopja tar-rikors ġuramentat li ma kellhiex magħha d-dokumentazzjoni finali li kellha tiġi annessa. Jgħid li tant hu hekk li l-bastiment konvenut u l-konsulent legali tiegħu fil-fatt ġew notifikati bid-dokumenti, għalkemm ma jinsabux fl-atti tal-Qorti. **Din il-Qorti fid-9 ta' Marzu 2020 laqgħet ir-rikors u iddikjarat li d-dokumenti annessi mar-rikors tad-9 ta' Diċembru 2014 għandhom jifformaw parti mid-Dokument NV3** (li kien anness mar-rikors ġuramentat).

**Risposta tal-appell tal-bastiment konvenut (02.02.2015):**

13. Il-bastiment konvenut appellat wieġeb biex jgħid li l-ewwel Qorti kellha raġun tiddeċiedi li l-attur nomine ma ġabx provi suffiċjenti biex jissostanzja l-allegazzjonjiet tiegħu rigward il-bilanċ għall-provvisti. Għalhekk isostni li l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata ikkonfermata. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellant nomine.

**Konsiderazzjonijiet.**

14. In sostenn tal-pretenzjoni attriċi ta' USD $186,065.83 l-attur nomine, mar-rikors ġuramentat, kien ippreżenta *statement of account* (Dok NV2, fol 8; li fil-fatt huwa identiku għall-ewwel faċċata ta' Dok NV3, fol 9). Dan l-i*statement* jaqra hekk:

**"JOVANMAR AGENCIES LTD**
**RE: M/V "ARCHON G" VARIOUS EXPENSES**

| | | |
|---|---|---|
| • Previous balance | USD 49,436.64 | [1] |
| Bce of loan due | USD106,079.00 | [2] |
| • Passing Corinth canal 13/3/13 €1,822 | USD 2,369.24 | [3] |
| • Swift for Wilckens €9509.00 | USD 12,266.61 | [4] |
| • Cash to Master mr Nikolaos 1/11/11 €300 | USD 390.00 | [5] |
| • Swift for Bunkers 15/03/13 | USD 28,000.00 | [6] |
| • Bank Charges 15/03/13 | USD 192.25 | [7] |
| • Despatch 23/10/2012 | USD 1,155.20 | [8] |
| Invoices Island Oil | USD 81, 821.89 | [9] |
| | USD 281,710.83 | |
| LESS | | |
| Freight Invoice Drepano/Skikda 07/02/13 | USD 95,625.00 | [10] |
| TOTAL | **USD 186,085.00"** | |

15. Tziovanni Athanasios (*Shipping Operations Manager* tas-soċjeta`

[1] L-ewwel Qorti ikkonkludiet li dan l-ammont ma ġiet ippruvat.
[2] L-ewwel Qorti ikkonkludiet li l-bilanċ jammonta għal **USD $74,079** (mhux USD $106,79) u l-attur appellant nomine qed jaċċetta tali bilanċ.
[3] L-ewwel Qorti ikkonkludiet li dan l-ammont ma ġiex ippruvat.
[4] L-ewwel Qorti ikkonkludiet li dan l-ammont ma ġiex ippruvat.
[5] L-ewwel Qorti ikkonkludiet li dan l-ammont ma ġiex ippruvat.
[6] L-ewwel Qorti ikkonkludiet li dan l-ammont ma ġiex ippruvat.
[7] L-ewwel Qorti ikkonkludiet li dan l-ammont ma ġiex ippruvat.
[8] L-ewwel Qorti ikkonkludiet li dan l-ammont ma ġiex ippruvat.
[9] L-ewwel Qorti ikkonkludiet li l-ammont ta' **USD $81,821.89** fil-fatt ġie ippruvat għaliex huwa sostanzjat mill-invoices esebiti.
[10] L-ewwel Qorti ikkonludiet li l-figura korretta kellha tkun dik ta' **USD $104,283.27** (mhux USD $95,625) u l-attur appellant nomine qed jaċċetta tali ammont.

attriċi) ikkonferma dan l-ammont ta' USD $186,085.00 fl-affidavit tiegħu[11].

16. L-ewwel Qorti laqgħet it-talba attriċi limitatament fl-ammont ta' **USD $51,617.62** (USD $74,079 + USD $81,821.89 – USD $104,283.27); ara *footnotes* relattivi għall-*items* elenkati fl-i*statement*.

17. Għalkemm l-ammont mitlub fir-rikors ġuramentat (u kif ikkonfermat minn Athanasios) kien ta' USD $186,085.83, l-attur appellant nomine, kif fuq spjegat, issa fl-appell tiegħu qed jiddikjara li l-ammont pretiż hu **USD $145,427.38;** għalhekk dan l-appell limitat għad-differenza ta' **USD $93,809.76** (USD $145,427.38 – USD $51,617.62), liema ammont fil-fatt jirrappreżenta arretrati ta' servizzi għas-somma ta' USD $49,436.46 u servizzi oħra (sitt servizzi) għas-somma ta' USD $44,373.30.

18. **Kwantu għall-ammont ta' USD $49,436.46**, rappreżentanti arretrati ta' servizzi, l-ewwel Qorti qieset li dan l-ammont kien ikkontestat mill-bastiment. Fil-fatt Mary Dravila (azzjonista f'*Sariel Navigation Co*, is-soċjeta` proprjetarja tal-bastiment konvenut) b'referenza għall-ammont ta' USD $49,436.46 qalet li s-soċjeta` Sariel Navigation Co "*does not accept above amount of expenses because* ***there are no receipts proving that those expenses has been really occurred***." L-ewwel Qorti irraġunat li l-attriċi ma spjegatx kif kienet waslet għal dan l-ammont

[11] Fol 250-251.

u li l-ebda waħda mill-fatturi esebiti minnha (mad-Dok NV3) ma jirriflettu dan l-ammont.

19. Wara li din il-Qorti awtorizzat lill-attur appellant nomine jippreżenta dawk id-dokumenti li bi żvista ma kinux ġew ippreżentati mar-rikors ġuramentat quddiem l-ewwel Qorti, huwa ppreżenta *statement*, ossia *breakdown,* ta' kif is-soċjeta` attriċi waslet għall-bilanċ ta' USD $49,436.64[12]. Is-servizzi kollha elenkati fuq dan l-i*statement* jammontaw għal USD $131,467.89 u minn din is-somma kienet imbagħad tnaqqset is-somma ta' USD $82,031.25 (rappreżentanti *Freight invoice Alicante/ Eleusis*)[13]. Din il-Qorti tosserva li kif osserva l-istess attur appellant nomine, kopja ta' dan l-i*statement* fil-fatt kienet diġa` ġiet esebita mill-bastiment konvenut (215-216). Tosserva wkoll li fuq dan l-istatement jidhru s-sinjali '?' u '*' ħdejn uħud mill-*items*.

20. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li dan is-sempliċi *statement* huwa biżżejjed biex hija tasal għall-konklużjoni li l-ammont ta' USD $49,436.64 ġie ppruvat. Kif qalet l-ewwel Qorti fir-rigward tal-lista tas-sitt items li jammontaw għall-ammont l-ieħor ta' USD $44,373.30 (li din il-Qorti ser tkun qiegħda tikkonsidra iktar l-isfel), ladarba jagħti l-każ li l-ammont mitlub hu ikkontestat u ladarba ma ġewx preżentati dokumenti mal-

---

[12] Fol 331-332.
[13] Din il-Qorti fil-fatt tosserva li dan l-ammont jirriżulta mill-Freight Invoice maħruġ mis-soċjeta` Royal Melody Ltd (soċjeta` li hija manager tal-vapur) datat 16/02/2013 (fol 214).

ammont reklamat, "*definittivament mhux biżżejjed għas-soċjeta` attriċi li telenka biss l-oġġett tat-talba pekunjarja, iżda trid turi kif din hi sostnuta bi provi li jwasslu lill-Qorti biex tikkonvinċi ruħha*." Ċertament li l-ammonti pretiżi setgħu faċilment ġew issostanzjati li kieku l-attriċi ppreżentat il-fatturi relattivi u dokumenti oħra.

21. L-attur nomine argumenta li ressaq il-prova (*statement*) li fih rendikont tal-ammonti li qiegħed jippretendi, *".....u s-sempliċi ċaħda li ammont huwa dovut ma tikkostitwixix prova biżżejjed sabiex 'tannulla' il-pretensjonijiet tal-attriċi"*.[14] Pero` l-oneru tal-prova qiegħed fuq l-atturi. F'dan ir-rigward Athanasios Giovanni xehed:[15]

> *"4.....I was receiving instructions on behalf of the Plaintiffs from Royal Melody through Mrs Dravilla Maria and Mr Panagiotis Voulgaris being the real owners of the vessel Respondent Vessel for the carrying out of services for the Respondent vessel*
>
> *"6. During 2012 and 2013, plaintiffs provided services to the Respondent vessel Archon G and incurred expenses at the request of the owners and/or the managers of the said vessel regarding the payment of port fees, bunkers supplies, marine coating and other related costs to the operation and maintenance of the Respondent vessel Archon G"*.

22. Min-naħa l-oħra **Panagiotis Voulgaris** xehed:[16]

> *"Jovanmar's claim, which is tried in Malta against m/v ARCHON G and the ship owner, is not existing, partially because JOVANMAR AGENCIES debited m/v ARCHON G with expenses which were never occurred (this is the reason they never sent us supporting documents of the expenses), partially because they debited m/v ARCHON G with expenses which has been occurred, however have been paid off and*

[14] Fol. 9 tar-rikors tal-appell.
[15] Fol. 249.
[16] Fol. 268.

> *partially they debited m/v ARCHON G with expenses which are still owed (bunkers amounting to USD 81,821,89), which however must be set off with our claims against JOVANMAR AGENCY LTD, described in our above legal actions"*.

23. Ix-xhud **Mary Dravila**, li qalet li hi azzjonista tal-kumpannija Sariel Navigation Co sid tal-bastiment konvenut, xehdet:-[17]

> *"From the above amount, the amount of 49.436,64 USD concerns (as JOVANMAR AGENCIES LTD declared at court) expenses occurred for m/v ARCHON G by them under their capacity as shipping agents of above vessel. The ship owning company does not accept above amount of expenses because* ***there are no receipts proving that those expenses has been really occurred****"*.

24. Li servizz ingħata jirriżulta mid-dokumenti a fol. 202 sa 214. Tant hu hekk li fis-16 ta' Frar, 2013 Royal Melody Ltd ħarġet kont biex tiġbor il-*freight* mingħand l-attriċi, fl-ammont ta' USD $82.031,25. Ċifra li l-attriċi stess naqqset (ara fol. 216). Madankollu, l-attriċi baqgħet ma ppreżentatx *the supporting documents* relatati mad-dokument li hemm a fol. 215. Kienet taf x'qalet ix-xhud Dravila u setgħet tagħmlilha kontro-eżami jew talbet sabiex tippreżenta d-dokumenti relattivi li jagħtu prova li l-ispejjeż saru.

25. Il-konvenut sa mill-bidunett tal-kawża ikkontesta li kien hemm xi ħlas dovut. L-attur nomine ma jistax jippretendi li rendikont biss tal-ispejjeż li jgħid li għamel, hi prova suffiċjenti. Dan apparti li kieku ried l-attur nomine kellu kull opportunita` li jagħmel kontro-eżami lix-xhud (Mary

[17] Fol. 275.

Dravila). Ħaġa li m'għamilx. Lanqas ma talab sabiex jippreżenta d-dokumenti relattivi sabiex jissostanzja dak li jingħad fid-dokument li a bażi tiegħu qiegħed jitlob is-somma ta' USD $49,436.64. Wara kollox fir-rigward tas-somma l-oħra li ser tiġi kkonsidrata hawn isfel, l-attur nomine ppreżenta d-dokumenti. L-attur nomine ma ta l-ebda spjegazzjoni għalfejn naqas milli jippreżenta d-dokumenti li jissostanzjaw id-dokument a fol. 215 u li a bażi tiegħu qiegħed jippretendi l-ħlas.

26. Fid-dubju l-Qorti m'għandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni li tgawdi l-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi.

27. **<u>Kwantu għall-ammont ta' USD $44,373.30</u>** rappreżentanti total ta' sitt ammonti relattivi għal sitt servizzi, l-ewwel Qorti wara li qieset li dan l-ammont qed jiġi kkontestat mill-bastiment u li ma ġew esebiti l-ebda dokumenti in sostenn ta' dawn l-ammonti pretiżi, ċaħdet it-talbiet attriċi fir-rigward.

28. Wara li din il-Qorti awtorizzat lill-attur nomine jippreżenta dawk id-dokumenti li "bi żvista" ma kinux ġew ippreżentati mar-rikors ġuramentat quddiem l-ewwel Qorti, <u>ippreżenta numru ta' dokumenti li jaqblu perfettament mal-ammonti reklamati</u> (li flimkien jgħoddu USD $44,373.30). Issa Mary Dravila, fl-affidavit tagħha, kienet għamlet riferenza <u>partikolari</u> għal tnejn mis-sitt ammonti li jifformaw parti mis-

somma ta' USD $44,373.30:

(i) dwar l-ammont ta' USD $390 rappreżentanti "*cash to master Mr Nikolaus*", qalet li l-kaptan kien ċaħad li rċieva tali ammont. Madanakollu f'dan ir-rigward hemm "*journal voucher*" nru. 2485 li fuqha hemm imniżżel li sar pagament lill-kaptan fl-ammont ta' €300 ekwivalenti għal USD $390; inoltre ma tressqet l-ebda prova dwar l-allegata verżjoni tal-kaptan fis-sens li ma tħallasx.

(ii) Dwar l-ammont ta' USD $1,155 rappreżentanti "*Despatch 23/10/12*", għalkemm ikkonfermat li dan l-ammont tħallas mis-soċjeta` attriċi lil Europe SA, issostni li tali ammont kien tnaqqas mill-*Freight Invoice* tas-26/10/2012. Din il-Qorti pero` fliet id-dokumenti ppreżentati mill-bastiment iżda ma sabitx l-invoice relattiv li jikkonferma dak li qalet ix-xhud.

29. Għalhekk din il-Qorti sodisfatta li l-ammont ta' USD $44.373.30 hu dovut.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell limitatament fir-rigward ta' erba' u erbgħin elf, tlett mija u tlieta u sebgħin Dollaru Amerikan u tletin ċenteżmu (USD $44,373.30) u tiċħad l-istess fir-rigward tas-somma disa' u erbgħin elf, erba' mija u sitta u tletin Dollaru Amerikan u sitta u erbgħin ċenteżmu (USD $49,436.46). Għalhekk qiegħda tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti tas-17 ta' Novembru 2014 fis-sens li l-ammont li l-bastiment għandu

jħallas lill-attur nomine huwa ta' ħamsa u disgħin elf, disa' mija u disgħin Dollaru Amerikan u tnejn u disgħin ċenteżmu (USD $95,990.92) (cioe` wieħed u ħamsin elf, sitt mija u sbatax-il Dollaru Amerikan u tnejn u sittin ċenteżmu (USD $51,617.62) skond l-ewwel sentenza u erba' u erbgħin elf, tlett mija u tlieta u sebgħin Dollaru Amerikan u tletin centezmu (USD $44,373.30)). Tikkonferma l-kumplament tas-sentenza, b'dan li l-ispejjeż ta' dik is-sentenza għandhom jinqasmu nofs bin-nofs ($^1/_2$), ġialadarba l-pretensjoni oriġinali tal-attriċi kienet għall-ħlas ta' mija u sitta u tmenin elf, ħamsa u tmenin Dollaru Amerikan u tmienja u tletin ċenteżmu (USD $186,085.83).

L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jinqasmu in kwantu għal tlett kwarti (¾) a karigu tal-appellant nomine u kwart (¼) a karigu tal-appellat. L-appellant ġie kkundannat iħallas proporzjon ikbar tal-ispejjeż minħabba li kien nuqqas tiegħu quddiem l-ewwel Qorti li jippreżenta d-dokumenti relattivi kollha, li wassal għal ħtieġa tal-appell. Dan apparti li ma ħariġx rebbieħ fl-ilmenti kollha li ressaq.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| Aġent President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm